MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 191/1994/2

**Lawrence Muscat.**

**vs**

**Herman John Thornton f'ismu propju u Joseph Apps ghan-nom u in rapprezentanza ta' Sea Malta Company Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 9 ta' Frar 1994 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph D. Camilleri fejn gie premess:-

Illi l-attur kien impjegat bhala ufficjal (*Electrical Engineer*) ma' *Sea Malta Company Limited* fejn il-konvenut Herman John Thornton qieghed impjegat bhala Kaptan;

Illi permezz ta' ittra mibghuta mill-konvenut Thornton lil *Sea Malta Company Limited* u datata 16 ta' Ottubru 1992 (annessa bhala dokument "A") l-istess konvenut waqt li kien qed jirreferi ghall-attur kiteb illi: "*In my opinion, Mr. L. Muscat should be discharged from the Company as his insubordinate behaviour is a negative influence on all the rest of the Officers and ratings on any vessel. He can create dangerous situations by his insubordinate attitude towards his superiors – not considering his lack of manners and aptitude towards his duties and working hours. Furthermore he definitely lacks the proper aptitude to be a seafarer, which is the result of his continuous discontent while sailing on any vessel".*

Illi dawn il-fatti attribwiti lill-attur ma humiex korretti anzi huma falzi u nveritjieri u dan kif anke jirrizulta minn rapporti tal-konvenut Thornton stess dwar l-imgieba tajba ta' l-attur.

Illi l-konvenut Thornton tellef jew naqqas il-gieh ta' l-attur b'din il-kitba mibghuta lil terzi;

Illi l-konvenut Thornton permezz ta' din il-kitba gie li uza jedd li ghandu b'mod aktar mill-qies li kien imissu juzah u dan billi pinga lill-attur bhala bniedem perikoluz u mimli difetti liema attribwiti fil-konfront ta' l-attur huma foloz u nveritjieri;

Illi dawn il-kliem ikkawzaw hsarat lill-attur kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni u partikolarment fl-isfera marittima fejn l-attur dejjem hadem b'mod impekkabbli fejn hu dejjem kien stmat anke mill-istess konvenut Thornton kif juri s-*Seaman's Record Book and Certificates of Discharge* ta' l-attur li kopja tieghu qed tigi annessa u markata bhala dokument "B" u kif juru wkoll ittra tad-19 ta' Settembru 1982 mill-istess kumpanija annessa bhala dok "C", *Discharge Certificate* tal-31 ta' Mejju 1983 anness bhala Dok "D" u Certifikat bla data anness bhala Dok "E" u kif

jistghu jixhdu diversi Kaptani ohra u xhieda li maghhom hadem l-attur;

Illi l-attur kien fadallu biss cirka hames snin biex jirtira minn karriera ezemplari fuq il-bahar u wara ncident zghir mahluq u mkabbar mill-konvenut Thornton dan ta' l-ahhar sab pretest biex jakkuza ngustament lill-attur b'dezerzjoni li hi l-aghar akkuza ghal min jahdem fuq il-bahar u li anke tista' tippregudikah milli jsib impjiegi futuri f'linja ta' xoghol li fiha l-attur hu issa espert;

Illi dan l-incident inqala' meta l-attur kien fuq il-vapur u gie moghti mill-Kaptan Gabriel Richard kabina li soltu tinghata lil *guests* peress illi l-kabina ta' l-ufficjali kienet moghtija lil ufficjal iehor; il-konvenut Thornton, li bidel lill-Kaptan l-iehor fix-*shift*, talab lill-attur jersaq f'kabina ohra peress illi kellhom jitilghu xi nies. L-attur obda pero` meta ra li dawk in-nies ma kienux gejjin talab li jerga' jiehu dik il-kabina li kien tah il-Kaptan Gabriel Richard u li hi uzata minn ufficjali meta l-ohra tkun okkupata. Fost hafna ghajjat inutli l-Kaptan Thornton lill-attur qallu "jekk jidhirlek intik il-ktieb u tista' tinzel" – ghal dawn il-kliem l-attur ha l-ktieb u nizel mill-vapur li kien ghadu Malta u li kien provdut b'ekwipagg intier;

Illi dawn il-fatti bl-ebda mod ma jistghu jwasslu ghal akkuza jew dixxiplina dwar dezerzjoni u fil-fatt il-kumpanija kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni ndunat li kienet uzat id harxa wisq ma' l-attur;

Illi fuq l-akkuzi ngusti prezentata mill-konvenut Thornton il-kumpanija konvenuta ngustament iddixiplinat u kkawzat danni lill-attur billi naqqsitlu l-grad tieghu minn dak ta' ufficjal ghal wiehed ta' *rating* kif ser jigi pruvat fit-trattazzjoni;

Illi f'kull kaz dan id-*degrading* ta' l-attur kienet punizzjoni harxa u mhux gustifikata meta wiehed iqis x'kienu l-fatti li wasslu ghal akkuzi tal-konvenut Thornton liema akkuzi ukoll kienu harxa, ingusti u ezagerati.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li bl-ittra tieghu tas-16 ta' Ottubru 1992 u bir-rapport ta' dezerzjoni l-konvenut Thornton uza jedd tieghu aktar mill-qies li jmissu u attribbwixxa fatti lill-attur li mhumiex minnhom u b'hekk ikkawza danni lill-attur b'dan l-agir tieghu;

2. Tiddikjara li bl-ittra tieghu tas-16 ta' Ottubru 1992 il-konvenut Thornton wegga' lill-attur billi tellef u /jew naqqas il-gieh tieghu u b'hekk ikkawzalu Danni;

3. Tiddikjara li l-kumpanija konvenuta ddixxiplinat ingustament u ddixxiplinat b'mod eccessiv lill-attur u b'hekk ikkawzatlu Danni;

4. Tillikwida d-danni kawzati lill-attur frott ta' l-agir tal-konvenuti jew minn minnhom tiddeciedi din il-Qorti;

5. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi dawk id-danni kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra bonarja tad-9 ta' Dicembru 1993 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta lill-kumpanija konvenuta. U bl-imghax.

Il-konvenuti ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 u 29 tal-process liema dokumenti huma mmarkati minn Dok "A" sa Dok "E";

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph D. Camilleri ghas-seduta tat-12 ta' Mejju 1994.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph D. Camilleri tat-12 ta' Mejju 1994 fejn meta ssejhet il-kawza

deher l-attur assistit minn Dr. Raymond Zammit u l-Prof. Ian Refalo ghas-socejta` konvenuta, *Sea Malta*. Id-difensuri qablu li jinstemghu l-merti fuq il-kaz, billi l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni sollevata fl-ewwel eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta hija dipendenti mill-mertu. Id-difensuri qablu li jigi nominat Dr. Tonio Grech bhala Perit Legali. Inghata digriet fejn gie nnominat il-Perit Legali Dr. Tonio Grech LLD, sabiex jirrelata fuq it-talbiet ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut. Spejjez provvizorjament ta' l-attur. Il-kawza giet differita ghad-9 ta' Novembru 1994 ghar-rapport.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Joseph Apps ghan-nom u in rapprezentanza ta' *Sea Malta Company Limited* datata 25 ta' Marzu 1994 a fol. 38 tal-process fejn gie eccepit:-

Fl-ewwel lok illi din l-Onorabbli Qorti tiddifetta minn gurisdizzjoni biex tiehu konjizzjoni tal-materja in kwistjoni;

Illi *in oltre* l-attur naqas minn jeddu li ma jattendix ghax-xoghol u ta' dan kien unikament responsabbli huwa;

Fil-mertu illi s-socjeta` konvenuta agiet korrettament fil-passi kollha li hadet fir-rigward ta' l-attur u bl-ebda mod ma hija responsabbli ghad-danni jew xort'ohra fil-konfront tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda b'dokument esebit (Dok "A") ta' Joseph Apps ghan-nom u in rapprezentanza ta' *Sea Malta Company Limited* a fol. 38 sa fol. 41 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Herman John Thornton f'ismu propju datata 28 ta' Marzu 1994 a fol. 43 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi r-rapporti li ghamel huwa lis-socjeta` konvenuta hu ghamilhom fil-qadi tad-dmirijiet tieghu u ma kien animat l-ebda skop ingurjuz jew altrimenti imma hlief il-hsieb li jaqdi sewwa d-dmir tieghu u ghalhekk dik l-ittra tikkostitwixxi komunikazzjoni privileggjata bejn il-l-

konvenut u s-socjeta` *Sea Malta Company Limited* li ma tistax tghati lok ghall-proceduri legali;

Illi fil-mertu l-konvenut bl-ebda mod ma hu responsabbli ghall-ebda hsara jew dannu kif pretizi mill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' Herman John Thornton u l-lista tax-xhieda b'dokument anness u mmarkat Dok "A" kollox kif jidher minn fol.43 sa fol. 45 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph D. Camilleri tad-9 ta' Novembru 1994; tat-8 ta' Frar 1995; tas-26 ta' April 1995; u tas-16 ta' Ottubru 1995 fejn il-kawzi dejjem gew differita ghar-rapport.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri ta' Herman John Thornton datata 17 ta' Marzu 1995 a fol. 48 tal-process fejn giet eccepit:-

Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia moghtija din l-Onorabbli Qorti hija nkompetenti *rationae materiae stante* li l-esponenti mhux kummercjant u l-att li fuqu qieghda ssir din il-kawza mhux ta' xorta kummercjali;

Illi bla pregudizzju ghall-premess, ir-rapport li l-esponenti ghamel lis-socjeta` konvenuta jaqa' fid-definizzjoni ta' "stampat" u "pubblikazzjoni" ta' l-Att dwar l-Istampa (**Kapitoli 248**), u ghaldaqstant l-esponenti jissottometti bir-rispett illi:

a) din l-Onorabbli Qorti didifetta minn gurisdizzjoni biex tiehu konjizzjoni ta' l-azzjoni odjerna kontra l-esponenti *ai termini* ta' l-**artikolu 28(1)** ta' l-imsemmi Att;

b) bla pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni odjerna kontra l-esponenti hija preskritta *ai termini* ta' l-**artikolu 32** ta' l-imsemmi att dwar l-Istampa.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri tal-15 ta’ Jannar 1996; u tal-21 ta’ Marzu 1996.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tat-30 ta’ Settembru 1996; tal-11 ta’ Frar 1997; tad-9 ta’ Gunju 1997; tat-28 ta’ Novembru 1997; tat-30 ta’ Marzu 1998; u tal-5 ta’ Ottubru 1998.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tat-8 ta’ April 1999; tat-22 ta’ Gunju 1999; tat-2 ta’ Novembru 1999; tal-15 ta’ Dicembru 1999; tal-14 ta’ Frar 2000; tas-6 ta’ Gunju 2000; tal-14 ta’ Novembru 2000; tas-27 ta’ Frar 2001; tal-20 ta’ Marzu 2001; tal-10 ta’ Ottubru 2001; tal-15 ta’ Jannar 2002; tas-6 ta’ Frar 2002; u tal-11 ta’ Gunju 2002.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasquale tad-9 ta’ Ottubru 2002 fejn iddiferixxa l-kawza biex tinstema’ quddiem Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-5 ta’ Dicembru 2002; tas-26 ta’ Frar 2003; tat-30 ta’ Mejju 2003; tal-31 ta’ Ottubru 2003; tas-27 ta’ Frar 2004; tal-11 ta’ Mejju 2004; tat-22 ta’ Gunju 2004; tal-20 ta’ Ottubru 2004; tal-24 ta’ Novembru 2004; tal-15 ta’ Frar 2005 fejn deher Dr. Raymond Zammit ghall-attur u nforma l-Qorti li gew iffissati s-seduti minn Dr. Tonio Grech. Il-Qorti ordnat lill-Perit jghaddi ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghall-5 ta’ April 2005 ghar-rapport.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Tonio Grech tat-3 ta’ Marzu 1995 fejn xehdet Adelaide Muscat prodotta mill-attur, u xehed l-attur innifsu; tal-14 u 23 ta’ Marzu 1995 fejn rega’ xehed l-attur; tat-30 ta’ Mejju 1995 xehdu Mark Anthony Chapelle u Emanuel Azzopardi t-tnejn prodotti mill-attur; tal-14 ta’ Gunju 1995 xehdu Richard Gabriele u John Mary Dalli prodotti wkoll mill-

attur; tat-30 ta' Gunju 1995; tal-11 ta' Lulju 1995 xehdu Charles Vella u Carmen Grech prodotti mill-attur; tas-16 ta' Frar 1996; tas-26 ta' Marzu 1996 fejn xehed Herman John Thornton; tat-13 ta' Mejju 1996 fejn rega' xehed Herman John Thornton; tad-9 ta' April 1997 kompla jixhed Herman John Thornton u in kontro-ezami; tas-16 ta' April 1997 kompla b'in kontro-ezami Herman John Thornton; tat-12 ta' Mejju 1997 xehed Charles Zammit prodott mill-konvenut Thornton; u tad-29 ta' Mejju 1997 fejn kompla jixhed Charles Zammit; tat-23 ta' Frar 2005 xehed u b' in kontro-ezami Joseph Bugeja prodott mis-socjeta` *Sea Malta Company Limited*; u tal-15 ta' Marzu 2005 fejn xehed *Captain* Neil Marshall u b'in kontro-ezami. U rat id-dokumenti kollha hemm esebiti kollox kif jidher minn fol. 94 sa fol. 230 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-5 ta' April 2005; tal-21 ta' Gunju 2005; u tal-4 ta' Novembru 2005.

Rat l-ordni tal-Qorti u l-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif illum presjeduta tad-9 ta' Marzu 2006; tat-23 ta' Mejju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Dr. Raymond Zammit issejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita *Sine Die*.

Rat ir-rikors ta' l-attur datata 25 ta' Mejju 2006 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza ghas-smiegh u kontinwazzjoni. Il-Qorti ordnat li l-istess jigi notifikat lill-kontro-parti u lill-Perit Legali li fi zmien hamest ijiem (5) ghandu jindika jekk l-istess rapport giex minnu redatt.

Rat in-nota tal-Perit Legali datat 11 ta' Lulju 2006 a fol. 241 li biha nforma lil din l-Onorabbli Qorti *in linea* mad-digriet taghha tat-30 ta' Mejju 2006 illi huwa rrediga u pprezenta r-rapport tieghu.

Rat mill-gdid ir-rikors datat 25 ta' Mejju 2006 fejn il-Qorti, *in vista* tad-dikjarazzjoni tal-Perit Legali ordnat li jigi ntaxxat l-istess rapport u mhallas fi zmien ghoxrin (20)

gurnata millum u d'dan li l-attur jinforma lill-Qorti fit-termniu hawn indikat; u n-nota ta' l-attur datata 22 ta' Awissu 2006 (fol. 243) li permezz taghha rrileva lill-Perit Legali gie mhallas u li l-istess Perit Legali ghadda kopja tar-rapport lill-attur. L-attur jirrimetti ruhu ghar-rapport. *In vista* ta' dan l-esponent qieghed jinforma lill-Onorabbli Qorti *ai termini* tad-digriet tat-13 ta' Lulju 2006 – u dan is segwitu ghar-rikors tal-25 ta' Mejju 2006 ghar-riappuntament; u l-Qorti laqghet it-talba u irriappuntat din il-kawza ghas-smiegh ghall-31 ta' Ottubru 2006

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Tonio Grechipprezentat fir-Registru fil-11 ta' Lulju 2006 u mahluf fl-4 ta' Awissu 2006 fejn ikkonkluda illi:

*"Fil-fehma ta' l-esponenti u ghar-ragunijiet premessi, it-talbiet attrici huma fondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu akkolti fl-ammont ta' sitt elef, erba' mija u sittin lira maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm6,460.55) u ghalhekk is-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur l-ammont ta' Lm6,460.55.*

*L-imghax fuq l-ammont ta' Lm6,460.55, ghandu jigi soffert mid-data tas-sentenza.*

*L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom ukoll ikunu a karigu tas-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited."*

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru 2006; u tat-28 ta' Novembru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Marzu 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li jigi ddikjarat li bl-ittra datata 16 ta' Ottubru 1992 u bir-rapport ta' dezerzjoni tal-konvenut Herman John Thornton, l-istess konvenut uza jedd tieghu aktar mill-qies li jmissu u attribbwixxa fatti lill-attur li mhumiex minnhom u b'hekk ikkawza danni lill-attur b'dan l-agir tieghu, u li jigi ddikjarat li bl-istess ittra l-konvenut Thornton wegga' lill-attur billi tellef u /jew naqqas il-gieh tieghu u b'hekk ikkawzalu danni; sabiex tiddikjara li l-kumpanija konvenuta ddixxiplinat ingustament u ddixxiplinat b'mod eccessiv lill-attur u b'hekk ikkawzatlu danni wkoll; u b'hekk din il-Qorti ghandha tillikwida d-danni kawzati lill-attur frott ta' l-agir tal-konvenuti jew minn minnhom u tordna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi dawk id-danni kif likwidati.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni din qed tigi michuda *stante* li l-Prim'Awla hija kompetenti sabiex tisma' din il-kawza.

Illi l-istess qed jigu michuda l-ewwel eccezzjon ulterjuri tal-konvenut Herman John Thorton peress li din il-Qorti hija fil-fatt kompetenti; u l-eccezzjonijiet l-ohra abbazi tal-Kap 248 u dan peress li jirrizulta li l-azzjoni attrici ma hijiex ibbazata fuq l-ligi ta' l-Istampa izda fuq il-principji generali tal-ligi civili, kif iktar il-quddiem ser jigi wkoll amplifikat.

Illi dwar il-fatti tal-kaz din il-Qorti thoss li wara li ezaminat il-provi kollha prodotti jirrizulta li gie ippruvat li l-attur kien impjegat bhala *Third Engineer* jew *Electrical Engineer* mas-socjeta' konvenuta u bhala tali kien allokat kabina msejha *owners' cabin* fuq il-vapur m.v. Zebbug mill-Kaptan Richard Gabriele fit-tieni gimgha t'Ottubru 1992. Fil-15 ta' Ottubru 1992 l-konvenut Herman John Thorton dahal ghax-shift tieghu ta' Kaptan flok il-Kaptan Richard Gabriele u ta ordni lill-attur sabiex jivvaka dik il-kabina ghaliex kien hemm mistiednin ghall-istess minflok l-attur inghata kabina ohra tar-*ratings*. Peress li l-mistiednin baqghu ma telghux abbord, l-attur talab li jinghata l-kabina

li kellu lura, izda l-Kaptan ma accettax li jaghmel dan ghaliex sostna li din kienet kontra r-regolamenti tal-kumpanija; jirrizulta li l-Kaptan baqa' jzomm il-posizzjoni tieghu, u jidher li hekk ghamel ukoll l-attur, bir-rizultat li kien hemm diskors bejn it-tnejn, u l-attur skond il-Perit Legali *"spicca biex nizel abbord".*

Illi dwar dan l-incident sar rapport mill-konvenut lill-kumpanija konvenuta li jinsab esebit mac-citazzjoni attrici datat 16 ta' Ottubru 2002 fejn l-istess Kaptan irrapporta l-incident b'dan il-mod lil Mr. C. Zammit, *Fleet Superintendent* u hawn issir riferenza ghall-istess ittra fejn jidher car li l-konvenut irrakkonta li l-attur ma qabilx li kellu jibqa' fil-kabina li giet allokata lilu u jghid hekk:-

*"At this stage Mr. L Muscat had already packed his belongings and was determined to leave the vessel, as according to him, he was not satisfied with the present qaurters. I warned Mr. L Muscat – in the presence of the Chief Engineer Mr. C. Grech – that by doing so, he would be deserting his duties (vessel). Mr. L. Muscat decided to behave in an insubordinate manner and left the vessel making unnecessary comments and insulting my integrity".*

*"In my opinion, Mr. L. Muscat should be discharged from the Company as his insubordinate behavior is a negative influence on all the rest of the Officers and ratings on any vessel. He can create dangerous situations by his insubordinate attitude towards his superiors – not considering his lack of manners and aptitude towards his duties and working hours".*

*"Furthermore – he definitely lacks the proper aptitude to be a Seafarer, which is the result of his continuous discontent while sailing on any vessel".*

Illi ghalkemm l-istess attur cahad dawn l-allegazzjonijiet huwa fl-ittra tieghu datata 29 ta' Ottubru 1992 li tinsab esebita bhala Dok. "RZ 5" tal-process sostna li wara li kien hemm id-divergenza bejnu u l-Kaptan dwar il-kabina huwa jghid li:-

*“At this point the captain answered by saying these exact words “Jekk ma jogghobokx naghtik il-ktieb tal-bahar u itlaq”. I answered “In that case ghatini il-ktieb tal-bahar u nitlaq.........”.* Fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li l-istess attur nizel minn fuq il-vapur u dan ghamel il-vjagg minghajr l-istess attur.

Illi fil-fatt b’ittra datata 21 ta’ Ottubru 1992 jinghad minn Mr. C. Zammit li kien *Fleet Superintendent*, peress li l-attur *“left the vessel and disobeyed master’s instructions”* huwa gie sospiz mix-xoghol b’effett mill-21 ta’ Ottubru 1992 u dan skond pagna 19 artikolu 22 (iv) tal-Ftehim Kollettiv.

Illi kawza tar-rapport tal-Kaptan ittiehdu mis-socjeta’ konvenuta passi dixxiplinari kontra l-attur fejn l-istess attur gie akkuzat li m’obdiex ordni legittima tal-Kaptan, li kien arroganti u addotta attitudini *of insubordination* u li kien ukoll *“deserting the vessel thus your duties”* u dan kollox kif indikat b’ittra bl-istess akkuzi datata 23 ta’ Ottubru 1992 (Dok. “RZ 4”). Fil-fatt kif inghad l-attur cahad l-akkuzi b’ittra datata 29 ta’ Ottubru 1992 gja citata.

Illi konsegwenti ghal dan, il-kaz gie trattat mill-Bord tad-Dixxiplina kompost minn C. Zammit, il-Kaptan N. Marshall u Mr. J. Bugeja (Dok. “CZ 11” sa Dok. “CZ 15) u fil-fatt jirrizulta mill-istess minuti tal-Bord tad-Dixxiplina li l-Kaptan kien qed jagixxi skond ir-regoli tal-kumpanija, u li l-attur ma kienx obda l-ordinijiet tal-Kaptan, u bil-mod kif agixxa l-istess attur fil-konfront tal-Kaptan (fol. 155) u wkoll li l-istess attur kien telaq minn fuq il-vapur kif jirrizulta mill-entrata relattiva fuq l-*Official Log Book* li huwa ffirmat mill-Kaptan u c-*Chief Engineer*, izda jidher li d-decizjoni ta’ l-istess Bord tad-Dixxipilina (Dok. “CZ 15”) datat 16 ta’ Novembru 1992 kienet li l-istess Bord ikkonkuda s-segwenti kif jidher mill-konkluzjonijiet raggunti fl-istess rapport a fol. 158 tal-process fejn jinghad li:-

*“Re Mr. L Muscat judging from the statements made during the four meetings it results that Mr. Muscat is definitely guilty of charges Nos. “1” and “3”, therefore*

*disobeying an order from the Master and deserting the vessel".*

*"Charge No. 2 is not clear as above, and although Capt Thorton confirmed this, Mr. Muscat, kept denying of being arrogant and adopting an attitude of insubordination".*

*"The Board unanimously agreed that charges "1" and "3" are very serious offences especially deserting the vessel, and that such offences warrant the dismissal from the company".*

Illi l-attur gie nformat b'din id-decizjoni b'ittra datata 25 ta' Novembru 1992 minn G. Xerri *Managing Director* tal-kumpanija fejn gie nfurmat b'din id-decizjoni ta' tkeccija mill-impjieg tieghu (Dok. "CZ8" – fol. 139) u jidher li l-attur interpona appell mill-istess decizjoni lic-*Chairman* tal-Kumpanija konvenuta u b'decizjoni datata 22 ta' Dicembru 1992 inghad li l-proceduri mehuda kienu skond l-Ftehim Kollettiv dak iz-zmien ezistenti ghal *Seaborne Officers* datat 17 ta' Frar 1989 u li l-akkuzi migjuba kienu fil-fatt ippruvati u b'rizultat ta' l-istess a fol. 142 tal-process jinghad li:-

*"The incident has shown that Mr. L. Muscat is unworthy of the rank of officer. He is, therefore, to be stripped of his rank and graded as "rating". Besides, the wages forfeited during Mr. Muscat's suspension (50%) and during the period starting at the end of suspension on half pay to today should remain forfeited".*

Illi f'dan il-kuntest jinghad li bhala fatt, il-Bord tad-Dixxiplina kien irrakkomanda t-tkeccija ta' l-attur mix-xoghol u kien biss wara appell lic-*Chairman* li minflok tkeccija l-istess attur gie *downgraded*, u b'hekk minn dan il-lat "il-fatti" kif esposti fir-relazzjoni tal-Perit Legali ma humiex korretti u specifikatament dak indikat dwar l-istess fit-tieni paragrafu tal-pagna numru 11 ta' l-istess rapport.

Illi jinghad li l-istess attur b'ittra tieghu datata 23 ta' Novembru 1992 u esebieta bhala Dok. "HTT 1" a fol. 130 tal-process, minkejja dak kollu li jghid fil-kawza odjerna

kiteb lill-konvenut Thornton u qallu fost affarijiet ohra hekk:-

*“I now understand that on that day you were following the Company’s instructions. I am sorry I involved you rather than the company........I hope that you accept my apologies. I can assure you that such incidents will not occur again in the future. Furthermore I honestly hope that you will not let such an incident change the good comradeship we have established during the many years we have been working together”.*

Illi ntant wara li rcieva l-ittra tal-kumpanija datata 22 ta’ Dicembru 2002 fejn tnaqqsu r-rank, l-attur ma accettax din id-decizjoni u ma dahalx ghax-xoghol u hawn sa certu punt jinghad li t-tieni eccezzjoni qed titiehed in konsiderazzjoni fil-kuntest tal-fatt li jidher l-impjieg ta’ l-attur, anke *in vista* ta’ dak li ser jinghad iktar il-quddiem, gie terminat ghaliex huwa ma attendiex ghax-xoghol izjed, ghaliex ma accettax id-decizjoni dixxiplinarja tal-kumpanija li jahdem fir-*rank* li ghalih gie mnizzel u sa hawn din l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta hija wkoll valida.

Illi l-Qorti wara li rat il-provi kollha prodotti thoss li ma tistax taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Perit Legali u dan peress li din il-Qorti thoss li l-konvenut Herman John Thornton kien obbligat li jirrapporta l-istess incident lill-kumpanija, tant li l-istess kumpanija konvenuta abbazi ta’ l-istess rapport, u proprju minhabba li kien l-attur li ghazel li jitlaq minn fuq il-vapur ghaliex ma riedx joqghod ghall-ordni tal-Kaptan dwar il-kabina hadet il-passi dixxiplinari kollha kontra l-attur skond il-Ftehim Kollettiv, u in effetti ma hemm l-ebda dubju lanqas li f’dan is-sens il-procedura adottata mill-istess kumpanija kienet skond l-istess Ftehim Kollettiv, li *in verita’* l-attur accetta huwa stess, tant li fl-ebda punt tal-proceduri li inhadu kontra tieghu huwa ma kkontesta l-istess.

Illi jekk wiehed ihares lejn in-natura ta’ l-azzjoni li l-istess attur ghamel kontra l-konvenuti, jidher li din hija wahda fuq il-principji generali tad-danni u dan ghaliex isostni fic-

citazzjoni tieghu li l-konvenut bir-rapport tieghu datat 16 ta’ Ottubru 1992 *“uza jedd li ghandu b’mod aktar mill-qies li kien imissu juzah u dan billi pinga lill-attur bhala bniedem perikoluz u mimli difetti liema attribwiti fil-konfront ta’ l-attur huma foloz u nveritieri”.*

Illi din il-Qorti thoss li dawn l-allegazzjonijiet attrici saru b’riferenza ghal dak indikat anke *highlighted* bl-isfar a fol. 7 tal-process, izda din il-Qorti thoss li f’dan is-sens l-attur ma ghandux ragun, u dan peress li dak li sar mill-konvenut Kaptan tal-vapur kien b’riferenza ghad-disubidjenza u l-attitudini li l-attur uza fil-konfront tieghu fl-incident imsemmi tas-16 ta’ Ottubru 1992, fejn din il-Qorti thoss li minn ezami tal-provi jirrizulta car li l-attur ma riedx jobdi l-ordinijiet legittimi tal-Kaptan tal-vapur, tant li ghazel li jhalli l-vapur, kif fil-fatt ghamel, ghaliex il-vapur salpa minghajru. Dan jinsab konfermat mill-atti kollha relattivi fir-rigward tal-proceduri ta’ dixxiplina mehuda mill-kumpanija fil-konfront ta’ l-istess attur, li ma hemm l-ebda dubju lanqas dwar il-legalita` u l-konformita` taghhom ma’ dak li huwa wkoll il-Ftehim Kollettiv tal-kumpanja. Fil-fatt fil-proceduri kollha li saru kontra l-attur, huwa kien ukoll rappresentat minn ufficjal tal-Union li kienet tirraprezenta l-istess haddiema tal-kumpanija konvenuta.

Illi mill-provi prodotti wkoll jirrizulta li fil-fatt l-attur ghazel li jitlaq minn fuq il-vapur ghaliex ma kienx kuntent bl-ordni li nghatat lilu dwar il-kabina fejn kellu joqghod, ordni li b’ittra tieghu stess tat-23 ta’ Novembru 1992 accetta u ammetta li l-Kaptan kien fid-dover li jsegwi peress li hekk kien ordnat li jaghmel mill-kumpanija. Fil-fatt din il-Qorti thoss li anke kieku ghall-grazzja ta’ l-argument dan ma kienx hekk l-istess attur kien fid-dover li jobdi lill-Kaptan, haga li l-attur manifestament ma riedx li ghamel u ghazel li ma jaghmilx. Fid-dawl ta’ dan kollu jidher li l-Kaptan kien obbligat minhabba l-posizzjoni tieghu fil-kumpanija, u bhala Kaptan tal-vapur, li jirrapporta dan il-kaz lill-kumpanija kif fil-fatt ghamel u din il-Qorti thoss li kieku ma ghamilx hekk il-konvenut bhala Kaptan kien jonqos mid-doveri tieghu, u dan anke ghaliex l-agir tal-attur fil-konfront tieghu kien wiehed serju, kif l-organi kollha tal-kumpanija sabu, anke wara li ttiehdu l-proceduri stipulati fil-Ftehim Kollettiv, u

fejn l-attur inghata kull opportunita' li jiddefendi l-posizzjoni tieghu, u fejn ma hemm l-ebda dubju li l-principji ta' gustizzja naturali, inkluz dak ta' *audi alteram partem* gew ilkoll rispettati fil-konfront ta' l-attur.

Illi b'hekk din il-Qorti assolutament ma tistax taqbel mal-konkluzjonijiet peritali u dan peress li fl-ewwel lok l-ittra datata 16 ta' Ottubru 1992 saret mill-konvenut Thorton fil-kors tal-impjieg tieghu bhala Kaptan, u bhala tali kien obbigat li jaghmel l-istess rapport lill-kumpanija fil-konfront ta' l-attur. Illi l-istess ittra u d-deskrezzjoni u l-opinjoni tieghu dwar il-fatti kif graw kienu kollha msejjsa fuq l-incident mertu tal-kawza odjerna, li kien wiehed veru serju, ghaliex kienet l-opinjoni tal-Kaptan, li fil-fatt l-istess attur mhux biss ma obdiex l-ordnijiet tieghu, izda wkoll abbanduna x-xoghol, u dan meta qed nitkellmu fuq membru ta' l-ekwipagg, huwa iktar serju – l-opinjoni ta' l-istess Kaptan konvenut abbazi ta' dak li sehh jistghu biss jittiehdu fil-kuntest ta' l-istess incident.

Illi f'dan il-kuntest il-komportament ta' l-attur imsemmi minnu u anke mill-Perit Legali relattivament ghas-servizz tieghu mal-kumpanija ma huwiex ta' relevanza u certament mhux dik moghtija mill-Perit Legali fir-relazzjoni tieghu, anke jekk jidher li l-attur kellu wkoll diversi kazi ta' dixxiplina kif jidher mid-Dok. "CZ 1" a fol. 131 tal-process, li ghalkemm mhux serji daqs il-kaz odjern, certament li jkomplu jikkonfermaw il-konkluzjonijiet raggunti mill-konvenut fir-rapport tieghu, ghalkemm jidher car li tali rapport u ittra mertu tal-kawza odjerna kienu primarjament u fuq kollox jirreferu ghall-incident tas-16 ta' Ottubru 1992, meta l-attur ghazel li ma jobdix lill-Kaptan tieghu u abbanduna l-vapur li salpa minghajru, minghajr ma kien hemm sostitut ghalih.

Illi dan kollu huwa kkonfermat ukoll mid-Dok. "RZ 6" li huwa l-entrata relattiva fil-*log book* iffirmat proprju mill-Kaptan u minn Carmel Grech dwar l-istess incident (fol. 129) fejn jinghad li:-

*"16.10.92 – 20.15 - Mr Muscat protested that .....cabin (E.18) was not up to his standard due to its upper bunk"*

*“16.10.92 – 20.40 – Mr. Muscat left the vessel without proper authorisation from Master or.........- after being warned of his insubordinate action. Head Office warned accordingly”.*

Illi din il-Qorti thoss li wara dan ma kien hemmx hemm triq ohra hlief li l-Kaptan jaghmel rapport ta’ l-istess lill-kumpanija, u li l-kumpanija ladarba rceviet l-istess rapport li tiehu l-passi kollha dixxiplinari kontra l-attur skond il-Ftehim Kollettiv, kif fil-fatt hadet u b’hekk din il-Qorti ma hija tiskontra l-ebda abbuz ta’ poter, la *da parte* tal-konvenut u lanqas *da parte* tas-socjeta’ konvenuta, u ladarba din il-kawza jidher li hija ppermjata fuq il-principji generali civili ta’ delitt (torts) din il-Qorti thoss li l-attur bl-ebda mod ma pprova li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-istess konvenuti jew xi hadd minnhom, mexa kontra l-ligi, jew b’xi mod abbuza mill-poteri tieghu jew mill-ligi u ghalhekk f’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li t-talba attrici ma tistax u ma hijiex qed tigi milqugha.

Illi din il-Qorti thoss ukoll li l-incident imsemmi kien iwassal sabiex jsir kemm ir-rapport mill-Kaptan u wkoll jittiehdu l-proceduri mill-kumpanija ghall-akkuzi u proceduri ta’ dixxiplina, kif fil-fatt ittiehdu kontra l-attur, inkluz li huwa kien abbanduna x-xoghol tieghu – u fil-fatt il-kumpanija, sabitu hati ta’ l-istess, u fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, minn ezami akkurat tal-provi kollha ma hemmx dubbju li l-attur hekk fil-fatt ghamel u din il-Qorti thoss li l-proceduri kollha li ttiehdu kienu abbazi tal-ligi nkluz il-Ftehim Kollettiv ezistenti ghall-impjegati ta’ l-istess socjeta’ konvenuta. F’dan  is-sens din il-Qorti tirreferi ghal darba ohra mhux biss ghall-rapporti u decizjonijiet fuq indikati, izda wkoll ghax-xhieda ta’ Joseph Bugeja, il-Kaptan Neil Marshall, tas-Sur Charles Zammit u ta’ l-attur innfisu u wkoll dik ta’ Carmel Grech moghtija fis-seduta tal-11 ta’ Lulju 1995 fejn jinghad li:-

*“Jiena smajt lill-Kaptan Thornton ighid lill-attur illi jekk jinzel mill-vapur ikun ser jitlaq minghajr il-kunsens tal-Kaptan jew tal-kumpanija....................................Wara din id-diskursata l-attur ippakkja u nizel mill-vapur u ahna*

*salpajna".* Dan apparti dak li ffirma fil-Log Book l-istess xhud.

Illi f'dan is-sens din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Legali u dan jinkludi dak li jinghad f'pagna 18 tar-relazzjoni peritali, anke peress li l-ittra li l-attur kiteb lill-konvenut Kaptan, tirrikonoxxi li l-Kaptan kien qed isegwi l-ordnijiet tal-kumpanija; mhux hekk biss izda ma hemm l-ebda dubju li l-Kaptan ta' ordni legittima lill-attur, li l-attur mhux biss ma ghazilx li jobdi, izda sahansitra minhabba f'din l-ordni ghazel li jitlaq minn fuq ix-xoghol; din il-Qorti thoss li l-agir ta' l-attur bl-ebda mod ma jista' jwassal ghall-konkluzjonijiet indikati mill-Perit Legali – anzi din il-Qorti thoss li l-agir ta' l-attur fic-cirkostanzi tal-kaz, u iktar u iktar fuq vapur kien kaz serju sew, tant li wara ezami tal-process kollu ta' dixxiplina l-istess attur instab hati ta' l-istess. Din il-Qorti thoss li ma hijiex korretta lanqas il-konkluzjoni li l-attur kellu ghazla jekk jibqax fuq il-vapur jew le, tant li fir-relazzjoni tieghu jidher li hemm implikazzjoni li l-attur kellu jew inghatatlu tali ghazla; l-attur kien hemm bhala mpjegat u kellu jirrapporta ghax-xoghol u jobdi l-ordnijiet tal-Kaptan tal-vapur; jekk ma jaqbilx ma' tali ordnijiet certament li dak ma kienx il-mod li jirreagixxi, wisq inqas li jabbanduna x-xoghol kif fil-fatt ghamel u dan anke minkejja t-twissija li saritlu dwar il-konsegwenzi li tali azzjoni tieghu li jinzel minn fuq il-vapur setgha jkollha. Dwar din il-Qorti thoss li l-provi f'dan l-aspett huma konkludenti u qatt ma setghu jwasslu ghal dak li gie allegat mill-attur u lanqas mill-Perit Legali – konkluzzjonijiet li din il-Qorti thoss li huma ferm perikoluzi – u f'dan is-sens din il-Qorti kategorikament u b'sens ta' responsabbilta' tiddissocja ruhha mill-istess, ghaliex thoss li l-principju li fuqu hija mibnija socjeta' civili u demokratika, hija li r-regoli ghandhom jigu osservati, u l-ordnijiet legitimi tas-superjuri ghandhom jigu rispettati – u dan kollu a bazi tar-*Rule of Law.*

Illi dwar il-kuncett li l-ittra tal-konvenut hija privilegjata, din il-Qorti thoss li ma hemm ebda dubju li dan huwa l-kaz u dan peress anke fis-sens li l-istess ittra saret fil-kors ta' l-obbligi u drittijiet tal-konvenut bhala Kaptan tal-Vapur – dan anke jekk wiehed jikkonsidra l-principji generali tal-ligi

u in partikolari l-**artikolu 1030 tal-Kap 16**, u dan *stante* li din il-Qorti thoss li l-Kaptan konvenut agixxa u ghamel uzu mill-jedd tieghu fil-qies li jmiss; l-istess jista' jinghad ghas-socjeta' konvenuta. Dan apparti li ma hemm l-ebda dubju li l-istess konvenuti fl-atti kollha li wettqu agixxew *in buona fede*. Hawn din il-Qorti ma taqbilx ukoll ma dak li nghad f'pagna 19 paragrafu (b) (i) u pagna 20 tar-relazzjoni peritali fuq dan il-punt *stante* li ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni attrici hija wahda ta' danni naxxenti minn delitt civili u mhux kwistjoni ta' relazzjoni ohra.

Illi anke jekk wiehed ihares lejn l-ligi ta' l-istampa u dan fir-rigward li l-ittra giet moghtija lis-socjeta' konvenuta l-kuncett ta' komunikazzjoni privileggjata jew kwazi privilegg huwa rikonoxxut, u hawn issir riferenza ghas-sentenza **"Angelo Spiteri et vs Joseph Bugeja"** (P.A. (RCP) – 1 ta' Ottubru 2002) fejn jinghad li hemm diversi okkazzjonijiet fejn l-istess kwazi privilegg jista' jigi eccepiet, pero' dan bl-ebda mod ma jfisser li tali okkazzjonijiet jistghu jigu delineati b'mod preciz ghaliex kollox jiddependi fuq il-kaz partikolari, pero' dan certament jinkorpora ncidenti fejn isiru dikjarazzjonijiet meta wiehed ikun obbligat li jaghmel dan f'termini kemm privati u kemm pubblici, bhal meta persuna f'kariga jaghmel rapport kontra mpjegat anke ta' azzjenda privata, jew isir rapport minn individwu lil xi awtorita' kompetenti bhal per ezempju lill-Pulizija, jew lil xi awtorita' ohra sabiex l-istess kaz, ilment, allegazzjoni, anke *di fronte* ghall-persuna jigi nvestigat.

Illi dan l-obbligu jew necessita' li jsir rapport ta' din in-natura jista' ma jkunx legali izda obbligu morali jista' jkun bizzejjed, tant li inghad fil-kaz **"Stuart vs Bell"** li *"I take a moral duty to mean a duty recognized by people of ordinary intelligence and moral principle, but at the same time not a duty enforceable by legal proceedings, whether civil or criminal…..Would the great mass of right-minded men in the position of the defendant have considered it their duty under the circumstances to make the communications? The true mode, said Kay L.J. "of judging upon the question is to put oneself as far as possible in the position of the defendant".*

Illi pre-suppost ghall-applikazzjoni ta' dan il-principju huwa li l-obbligu tal-persuna li taghmel l-istess kommunikazzjoni irid jezisti kontemporanjament mal-interess tal-persuna li lejha l-istess kommunikazzjoni tkun diretta. Hekk kemm l-obbligu tal-persuna li taghmel l-istess dikjarazzjoni u l-interess tal-persuna li tircievi l-istess dikjarazzjoni jridu jkunu jezistu bhala fatt, u d-determinazzjoni tal-istess hija fiha nfisha kwistjoni ta' fatt.

*"A communication made bona fide upon any subject matter in which the party communicating has an interest, or in reference to which he has a duty, is privileged, if made to a person having a corresponding interest or duty, although it contain criminatory matter which, without this privilege, would be slanderous and actionable"* **("Harrison vs Bush" – "Duncan and Neill on Defantion" –** page 93; **Gatley** – page 449).

Illi l-istess interess irid ikun legittimu u jrid jezisti dak li jissejjah *'reciprocity of interest" "in the party to whom the communication is made as well as in the person making it",* u taht dan il-kategorija jaqghu kommunikazzjonijiet li jsiru *'in the discharge of a duty"* bhal per ezempju *character references ta' mpjegati* u ohrajn, rapporti dwar temm ta' impjieg, rapporti ta' allegati abbuzi ta' persuni f'xi sfera partikolari ta' kummerc lill-Awtoritajiet kompetenti, u wkoll fl-isfera ta' impjieg, u relazzjonijiet bejn impjegati u hafna okkazzjonijiet ohra, dment li l-istess dikjarazzjonijiet isiru *in buona fede.*

Illi fil-fatt l-okkazzjonijiet fejn l-istess kwazi privilegg gie applikat huma:-

*"1. Statements made in the performance of a legal, moral, or social duty.*

*2. Statements made in the protection or furtherance of an interest:*
*(a) private*
*(b) public*

*3. Statements made in the protection of a common interest.*

*4. Statements made in certain classes of reports:*
*(a) reports of Parliamentary proceedings;*
(b) *reports of judicial proceedings."*

Illi dan kollu jwassal sabiex anke fit-termini ta' kif giet intavolata l-azzjoni attrici fuq il-principji generali ta' azzjoni ta' danni anke kif spjegati fil-kawza fl-ismijiet **"Avukat Dottor Tonio Azzopardi vs Olaf A. Cini"** (P.A. (NC) – 15 ta' Ottubru 2003) u dan skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikoli 1029 sa 1051 tal-Kodici Civili** taht l-Intestatura ta' *"Torts and Quasi Torts"* jehtieg li jigi ppruvat il-fatt illegali *damnus* u li rizultat ta' dan il-fatt huwa sofra danni materjali konsegwenzjali, apparti l-prova tal-misura tad-danni.

Illi ghalhekk kif inghad fl-istess sentenza l-ewwel haga li trid tissussisti hija l-event illegali *damnus*, u din il-Qorti thoss li la darba, minhabba dak premess, il-konvenut kien qed jagixxi entro l-limiti tad-drittijiet u obbligi tieghu bhala Kaptan, u dawn assodati wkoll bil-principji fuq enuncjati, ghall-ezercitazzjoni libera, legali u *in buona fede* ta' l-istess drittijiet, l-azzjoni attrici kontra l-konvenut ma gietx ippruvata u lanqas tista' tirnexxi, u dan peress li l-istess konvenut agixxa skond il-ligi u fil-limiti tal-ligi u kien qed jezercita id-dritt tieghu *in buona fede*. Dan fil-fatt huwa konsistenti ma dak li qal l-istess Perit Legali fil-konfront tal-konvenut meta qal li *"l-agir u l-kitba tal-konvenut wettaqhom fil-qadi ta' dmirijietu bhala mpjegat tas-socjeta' konvenuta"* – (fol. 265 – pagna 20 tar-relazzjoni peritali – paragrafu (ii)).

Illi dwar is-socjeta' konvenuta din il-Qorti thoss li din agixxiet korrettament fil-passi kollha li hadet kontra l-attur u din il-Qorti thoss li bl-ebda mod ma gie ppruvat li l-istess socjeta' konvenuta agixxiet kontra l-ligi; anzi jidher li hija mxiet konformament ma' l-istess u l-proceduri li nhadu kien skond il-ligi u skond il-Ftehim Kollettiv ezistenti u b'hekk bl-ebda mod it-talbiet attrici ma jistghu jigi milqugha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta; certament li

anke jekk wiehed ihares lejn l-azzjoni attrici, dak allegat mill-attur fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta, u dan anke jekk issir riferenza lejn l-ahhar premessi tac-citazzjoni attrici ezatt  qabel it-talbiet attrici, din il-Qorti thoss li dawn bl-ebda mod ma gew ippruvati mill-attur. F’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-konkluzjoni tal-Perit Legali anke fuq dan l-aspett tar-responsabbilta’ tas-socjeta’ konvenuta huma ghal kollox zbaljati u dan peress li din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li jidher li s-socjeta’ konvenuta agixxiet korrettament meta ffacjata bi ksur gravi ta’ dixxiplina *da  parte* ta’ l-attur li wasslu biex jittiehdu l-passi li fil-fatt ittiehdu kontra tieghu, li kollha kienu fil-kompetenza ta’ l-istess socjeta’ konvenuta.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

## <u>III.   KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Herman John Thornton, izda tilqa’ t-tieni u tielet eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta u tilqa’ wkoll l-eccezzjonijiet tal-konvenut Herman John Thornton fin-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu tat-28 ta’ Marzu 1994, biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn indikati u decizi.

Bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------